Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/323

12.2.2025

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/323

tal-11 ta' Frar 2025

dwar ċerti miżuri ta' emerġenza marbuta mal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fil-Ġermanja u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/186

(notifikata bid-dokument C(2025) 1015)

(It-test bil-Ġermaniż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 259(1)(c) tiegħu,

Billi:

(1) Il-marda tal-ilsien u d-dwiefer hija marda virali infettiva li taffettwa lill-mammiferi tal-ordni artjodattili u li jista' jkollha impatt serju fuq il-popolazzjoni tal-annimali kkonċernata u fuq il-profittabbiltà tat-trobbija tal-annimali, u tikkawża tfixkil għall-movimenti tal-kunsinni ta' dawk l-annimali u tal-prodotti tagħhom fl-Unjoni u għall-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi.

(2) F'każ ta' tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer f'annimali tal-ispeċijiet elenkati, hemm riskju serju li dik il-marda tinfirex lejn stabbilimenti oħra li jżommu annimali tal-ispeċijiet elenkati.

(3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 ([2]) jissupplimenta r-regoli għall-kontroll tal-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1), il-punti (a), (b) u (c), tar-Regolament (UE) 2016/429, u definit bħala mard tal-kategoriji A, B u C fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 ([3]). B'mod partikolari, l-Artikoli 21 u 22 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jipprevedu l-istabbiliment ta' żona ristretta f'każ ta' tifqigħa ta' marda tal-kategorija A, inkluż il-marda tal-ilsien u d-dwiefer, kif ukoll ċerti miżuri li jridu jiġu applikati fiha. L-Artikolu 21(1) ta' dak ir-Regolament Delegat jipprevedi li ż-żona ristretta trid tkun tinkludi żona ta' protezzjoni, żona ta' sorveljanza, u jekk ikun meħtieġ, żoni ristretti ulterjuri madwar iż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza jew maġenbhom.

(4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/186 ([4]) ġiet adottata abbażi tar-Regolament (UE) 2016/429, u tistabbilixxi ċerti miżuri ta' emerġenza marbuta mal-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fil-Ġermanja b'reazzjoni għat-tifqigħa kkonfermata fl-10 ta' Jannar 2025 fl-istat federali ta' Brandenburg, qrib il-fruntiera ta' dak l-istat mal-istat federali ta' Berlin. Aktar speċifikament, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/186 tipprevedi li ż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza li jridu jiġu stabbiliti mill-Ġermanja fl-istat federali ta' Brandenburg, f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, wara dik it-tifqigħa, għandhom jinkludu mill-inqas iż-żoni elenkati fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 64, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/687/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/1882/oj).

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/186 tal-24 ta' Jannar 2025 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza marbuta mal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fil-Ġermanja u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/87 (ĠU L, 2025/186, 28.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/186/oj).

(5) Mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/186, il-miżuri ta' emerġenza li għandhom jiġu applikati fiż-żoni ristretti, u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom, ġew rieżaminati. B'konsegwenza ta' dan, it-tul ta' żmien ta' dawk il-miżuri hemm bżonn li jiġi estiż. Għalhekk, iż-żoni elenkati bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza għall-Ġermanja, jenħtieġ li jiġu ddefiniti kemm mil-lat ta' spazju u kif ukoll mil-at ta' żmien fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni, sabiex jiġi evitat it-tixrid tal-marda fil-Ġermanja u fil-bqija tal-Unjoni, kif ukoll lejn pajjiżi terzi. Huwa meħtieġ ukoll li tiġi pprovduta ċarezza dwar l-ambitu eżatt ta' dawn iż-żoni, kif ukoll dwar il-miżuri li għandhom jiġu applikati fihom, billi jiġu stabbiliti f'att legali tal-Unjoni sabiex jiġi evitat tfixkil mhux ġustifikat fil-movimenti tal-annimali u tal-prodotti fl-Unjoni, kif ukoll lejn pajjiżi terzi.

(6) Barra minn hekk, meta jitqies li l-investigazzjoni epidemjoloġika li għaddejja għadha qed titwettaq mill-awtorità kompetenti tal-Ġermanja, u sakemm tiġi konkluża, u sabiex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil mhux ġustifikat fir-rigward tal-movimenti tal-annimali u tal-prodotti fl-Unjoni, kif ukoll lejn pajjiżi terzi, jixraq li jiġu applikati aktar miżuri, jiġifieri dawk li huma applikabbli għal żoni ristretti ulterjuri, kif previst fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687, wara l-iskadenza tal-miżuri ta' emerġenza fiż-żona ta' sorveljanza (il-miżuri ulterjuri). Jenħtieġ li l-miżuri ulterjuri jiġu applikati f'żona definita kemm mil-lat ta' spazju u kif ukoll mil-at ta' żmien fir-rigward taż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza previsti qabel.

(7) Bl-istess mod, biex jiġi evitat kull xkiel bla bżonn għall-kummerċ fl-Unjoni u sabiex jiġi evitat kwalunkwe ostaklu mhux ġustifikat għall-kummerċ mill-pajjiżi terzi, hemm bżonn li, fil-livell tal-Unjoni, jiġu rieżaminati malajr il-miżuri applikabbli fiż-żoni ristretti għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer, li jinkludu ż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, kif ukoll li jiġu previsti miżuri ulterjuri li għandhom jiġu applikati, fl-istati federali ta' Berlin u ta' Bradenburg fil-Ġermanja b'kollaborazzjoni ma' dak l-Istat Membru.

(8) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/186 titħassar u tiġi sostitwita b'din id-Deċiżjoni.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ġermanja għandha tiżgura li:

(a) jiġu stabbiliti immedjatament mill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru żoni ristretti li jinkludu żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 u bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu;

(b) iż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza msemmija fil-punt (a) jinkludu mill-inqas iż-żoni elenkati fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni;

(c) il-miżuri meħtieġa li għandhom jiġu applikati fiż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, jiġu applikati mill-inqas sad-dati elenkati fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Ġermanja għandha tapplika l-miżuri li huma applikabbli għal żoni ristretti ulterjuri, kif previst fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687, fiż-żona elenkata fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni, u sad-dati stabbiliti fih.

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/186 titħassar.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Frar 2025.

Għall-Kummissjoni
Olivér VÁRHELYI
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Żoni ristretti stabbiliti madwar it-tifqigħa kkonfermata

Numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żoni ristretti fil-Ġermanja msemmija fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
DE-FMD-2025-00001	Żona ta' protezzjoni għat-tifqigħa DE-FMD-2025-00001: Brandenburg: Landkreis Märkisch-Oderland: — Gemeinde Hoppegarten mit der Gemarkung Hönow, Landkreis Barnim: — Gemeinde Ahrensfelde mit den Gemarkungen Eiche und Mehrow. Berlin: Teile des Bezirks Marzahn-Hellersdorf : — nördlich begrenzt durch die Stadtgrenze entlang der Landsberger Chaussee später Berliner Straße bis zur Mahlsdorfer Straße, — östlich begrenzt von der Mahlsdorfer Straße südlich entlang der Stadtgrenze bis zur Riesaer Straße, — südlich begrenzt von der Riesaer Straße bis Alice-Salomon-Platz, weiter entlang der Hellersdorfer Straße bis zur Einmündung Neue Grottkauer Straße über Märkischer Garten/Feldberger Ring bis zum Fluss Neue Wuhle, — westlich begrenzt durch den Fluss Neue Wuhle in nördlicher Richtung bis Landsberger Allee/Stadtgrenze	11.2.2025
	Żona ta' sorveljanza għat-tifqigħa DE-FMD-2025-00001: Brandenburg: Landkreis Märkisch-Oderland: — Gemeinde Hoppegarten den Gemarkungen Dahlwitz-Hoppegarten und Münchehofe, — Gemeinde Neuenhagen bei Berlin, — Gemeinde Fredersdorf-Vogelsdorf, — Gemeinde Petershagen/Eggersdorf, — Gemeinde Altlandsberg mit den Gemarkungen Altlandsberg, Bruchmühle, Buchholz und Wegendorf, Landkreis Barnim: — Gemeinde Ahrensfelde mit den Gemarkungen Ahrensfelde, Lindenberg und Blumberg, — Gemeinde Werneuchen mit den Gemarkungen Werneuchen, Krummensee, Seefeld und Löhme, — Gemeinde Panketal mit der Gemarkung Schwanebeck, — Stadt Bernau bei Berlin mit der Gemarkung Birkholz und der Ortslage Helenenau der Gemarkung Börnicke, Landkreis Oder-Spree: — Gemeinde Schöneiche bei Berlin mit der Gemarkung Schöneiche bei Berlin.	11.2.2025

Numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żoni ristretti fil-Ġermanja msemmija fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
	Berlin: — Bezirk Marzahn-Hellersdorf, sofern nicht bereits Teil der Schutzzone, — Bezirk Lichtenberg, — Teile des Bezirks Pankow, — nördlich begrenzt vom Ingwäonenweg 32 Berlin, weiter Straße 73 bis Strömannstraße, Strömannstraße bis Straße 72, Straße 72 bis Alt Karow 51, — östlich begrenzt durch die Bezirksgrenze, ab Bernauer Straße Stadtgrenze, — südlich begrenzt von der Herbert Baum Straße bis Jüdischer Friedhof Weißensee, kompletter Jüdischer Friedhof Weißensee, — westlich begrenzt durch Alt Karow bis Straße 52, Straße 52 bis Straße 45, Straße 45 bis Straße 47, Straße 47 bis Karower Damm, Karower Damm bis Alt-Blankenburg, Alt Blankenburg bis Krugstege - Heinersdorfer Straße, Heinerstdorfer Straße bis Heinersdorfer Graben, Heinersdorfer Graben bis Muspelsteig, Muspelsteig bis Haakonweg, Haakonweg bis Darßer Straße, Darßer Straße bis Roelckestraße, Roelckestraße bis Rennbahnstraße, Rennbahnstraße bis Parkstraße, Parkstraße bis Berliner Straße, Berliner Straße bis Herbert-Baum Straße, — Teile des Bezirks Treptow-Köpenick, — nördlich begrenzt durch die Landesgrenze zu Brandenburg (Landkreis Märkisch-Oderland) sowie im nordwestlichen Verlauf durch die Bezirksgrenze zu Marzahn-Hellersdorf (Forstflächen Jagen 321 sowie Jagen 465), — südwestlich begrenzt von der Genovevastraße, dem Däumlingsweg sowie den Forstflächen Jagen 319 und 320, — südlich begrenzt durch die S- und Regional-Bahn Trasse, — südöstlich begrenzt durch die Schöneicher Straße, Schöneicher Landstraße sowie die Landesgrenze zu Brandenburg (Landkreis Oder-Spree).	
	Żona ta' sorveljanza għat-tifqigħa DE-FMD-2025-00001: Brandenburg: Landkreis Märkisch-Oderland: — Gemeinde Hoppegarten mit den Gemarkungen Hönow, Dahlwitz-Hoppegarten und Münchehofe, — Gemeinde Neuenhagen bei Berlin, — Gemeinde Fredersdorf-Vogelsdorf, — Gemeinde Petershagen/Eggersdorf, — Gemeinde Altlandsberg mit den Gemarkungen Altlandsberg, Bruchmühle, Buchholz und Wegendorf, Landkreis Barnim: — Gemeinde Ahrensfelde mit den Gemarkungen Eiche, Mehrow, Ahrensfelde, Lindenberg und Blumberg, — Gemeinde Werneuchen mit den Gemarkungen Werneuchen, Krummensee, Seefeld und Löhme,	12.2.2025 – 24.2.2025

Numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żoni ristretti fil-Ġermanja msemmija fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
	— Gemeinde Panketal mit der Gemarkung Schwanebeck, — Stadt Bernau bei Berlin mit der Gemarkung Birkholz und der Ortslage Helenenau der Gemarkung Börnicke, Landkreis Oder-Spree: — Gemeinde Schöneiche bei Berlin mit der Gemarkung Schöneiche bei Berlin, Berlin: — Bezirk Marzahn-Hellersdorf, — Bezirk Lichtenberg, — Teile des Bezirks Pankow, — nördlich begrenzt vom Ingwäonenweg 32 Berlin, weiter Straße 73 bis Strömannstraße, Strömannstraße bis Straße 72, Straße 72 bis Alt Karow 51, — östlich begrenzt durch die Bezirksgrenze, ab Bernauer Straße Stadtgrenze, — südlich begrenzt von der Herbert Baum Straße bis Jüdischer Friedhof Weißensee, kompletter Jüdischer Friedhof Weißensee, — westlich begrenzt durch Alt Karow bis Straße 52, Straße 52 bis Straße 45, Straße 45 bis Straße 47, Straße 47 bis Karower Damm, Karower Damm bis Alt-Blankenburg, Alt Blankenburg bis Krugstege - Heinersdorfer Straße, Heinerstdorfer Straße bis Heinersdorfer Graben, Heinersdorfer Graben bis Muspelsteig, Muspelsteig bis Haakonweg, Haakonweg bis Darßer Straße, Darßer Straße bis Roelckestraße, Roelckestraße bis Rennbahnstraße, Rennbahnstraße bis Parkstraße, Parkstraße bis Berliner Straße, Berliner Straße bis Herbert-Baum Straße, — Teile des Bezirks Treptow-Köpenick, — nördlich begrenzt durch die Landesgrenze zu Brandenburg (Landkreis Märkisch-Oderland) sowie im nordwestlichen Verlauf durch die Bezirksgrenze zu Marzahn-Hellersdorf (Forstflächen Jagen 321 sowie Jagen 465), — südwestlich begrenzt von der Genovevastraße, dem Däumlingsweg sowie den Forstflächen Jagen 319 und 320, — südlich begrenzt durch die S- und Regional-Bahn Trasse, — südöstlich begrenzt durch die Schöneicher Straße, Schöneicher Landstraße sowie die Landesgrenze zu Brandenburg (Landkreis Oder-Spree)	

ANNESS II

Deskrizzjoni taż-żona msemmija fl-Artikolu 2	Data sa meta applikabbli
Brandenburg: Diejenigen Teile des Bundeslands Brandenburg, die innerhalb eines Umkreises von sechs Kilometern um folgende ETRS89-Koordinaten liegen: Breitengrad 52.563232, Längengrad 13.634274. Landkreis Märkisch-Oderland: — Gemeinde Hoppegarten mit der Gemarkung Hönow und Teilen der Gemarkung Dahlwitz-Hoppegarten, — Gemeinde Neuenhagen bei Berlin mit Teilen der Gemarkung Neuenhagen bei Berlin, — Gemeinde Altlandsberg mit Teilen der Gemarkung Altlandsberg, Landkreis Barnim: — Gemeinde Ahrensfelde mit den Gemarkungen Eiche und Mehrow sowie mit Teilen der Gemarkungen Ahrensfelde und Blumberg, — Gemeinde Werneuchen mit Teilen der Gemarkungen Krummensee und Seefeld, — Gemeinde Panketal mit Teilen der Gemarkung Schwanebeck, Berlin: Bezirk Lichtenberg: — Im Osten: Landesgrenze Berlin-Brandenburg, bzw. Bezirksgrenze zum Bezirk Marzahn-Hellersdorf, — Im Norden: Landesgrenze Berlin-Brandenburg, — Im Westen: Entlang des Gleisverlaufs der S-Bahnlinie 75 von S Pölchaustr. Richtung Blankenburg folgend, — Im Süden Bezirksgrenze zu Marzahn Hellersdorf, Bezirk Marzahn-Hellersdorf: — Im Norden: Beginnend S-Bahnhof Gehrenseestr. der Hohenschönhauser Str. und dann der Ahrensfelder Chaussee als Bezirksgrenze in Richtung Norden folgend bis Kreuzung Märkische Allee/Landesgrenze, dann weiter auf der Landesgrenze nach Süden bis Landsberger Allee, weiter nach Osten über Landsberger Chaussee und Berliner Str. bis zur Mahlsdorfer Str., — Im Osten: Von der Mahlsdorfer Str. südlich entlang der Stadtgrenze bis zur Riesaer Str., — Im Süden: Von der Riesaer Str. bis Alice-Salomon-Platz, weiter entlang der Hellersdorfer Straße bis zur Einmündung Cecilienstr., weiter auf der Celilienstr. bis Blumberger Damm, dann dem Blumberger Damm nördlich folgend bis Kreuzung Landsberger Allee, der Landsberger Allee westlich folgend bis Bezirksgrenze S-Bahnlinie 75, — Im Westen: S-Bahnlinie 75 von der Landsberger Allee entlang Bezirksgrenze bis S-Bahnhof Gehrenseestr	25.2.2025-11.4.2025